# il-Gżejjer

IT-TMIEN SENA — FRAR 1979 — NRU. 90


## F'DAR IL-MEDITERRAN GĦAL KONFERENZI

# IL-MINISTRU WISTIN ABELA JIFTAĦ IL-LAQGĦA TA' ESPERTI TAL-MEDITERRAN



*Il-Ministru Abela jagħmel id-diskors tal-ftuħ tal-laqgħa.*

**NHAR it-Tlieta, 13 ta' Frar, f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi (dik li kienet is-Sacra Infermeria) fil-Belt Valletta, il-Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekomunikazzjonijiet, is-Sur Wistin Abela fetaħ il-Laqgħa ta' Esperti dwar il-Mediterran tal-Konferenza tas-Sigurtà u Koperazzjoni fl-Ewropa.**

Għall-ftuħ ta' din il-laqgħa storika li seħħet bil-ħidma ta' Malta fil-Konferenzi ta' Helsinki u Belgrad, kien hemm preżenti Ministri tal-Kabinett, li Speaker tal-Kamra tad-Deputati, l-Arċisqof Mercieca u l-Arċisqof Emeritu Gonzi, Membri Parlamentari miż-żewġ naħat tal-Kamra, l-Imħallfin, Membri tal-Korp Diplomatiku, u mistednin distinti oħra.

**Fid-diskors tiegħu il-Ministru Abela qal illi "Hija r-responsabbilità tagħna lkoll li fis-sitt ġimgħat li ġejjin mhux biss nitkellmu dwar**

**il-Mediterran imma nniedu Mediterran ġdid. Is-suċċess tal-laqgħa jinsab esklussivament fil-ħila tagħna li nibnu struttura dejjiema għal koperazzjoni futura.**

"Ir-responsabbilità tagħna lkoll flimkien hija li nagħtu bidu għal eżerċizzji dwar koperazzjoni tanġibbli u prattikabbli. Is-suċċess tagħna se jkun imkejjel skond il-ħila tagħna li nfasslu programm ta' koperazzjoni reġjonali fl-interess tal-popli kollha tal-Mediterran.

Il-koperazzjoni hija għalina l-element bażiku għall-bini tal-paċi f'dan ir-reġjun f'għarfien sħiħ li l-għixien tagħna jinsab biss fit-triq tal-paċi. L-istati li qed jieħdu sehem jafu sew bil-potenzjal li joffri l-Mediterran biex tinkiseb il-kollaborazzjoni meħtieġa — kundizzjoni essenzjali għall-paċi fir-reġjun.

**"Għalkemm pajjiż żgħir, Malta dejjem tat is-sehem sħiħ tagħha b'determinazzjoni. Matul seba' snin minkejja ċirkostanzi ekonomiċi ħżiena, biddilna din il-gżira minn għodda tal-gwerra għal strument tal-paċi. Fil-fatt il-mezzi tal-Gwerra jtemmu t-tluq tagħhom minn Malta fil-31 ta' Marzu ta' din is-sena. L-għajta ta' Malta għal koperazzjoni paċifika sejra tidwi tul il-Mediterran kollu.**

**"Il-Mediterran jipprovdi nħawi fertili għall-koperazzjoni bejn il-Lvant u l-Punent f'direzzjoni mit-Tramuntana għan-Nofsinhar. In-naħa tal-Mediterran li hi teknoloġikament sotto-żviluppata hija interessata ferm fil-progress ekonomiku u soċjali u minn naħa tagħha għandha ħafna x'toffri.**

**"Għall-Gvern Malti, t-triq hi ċara. L-ebda opportunità biex jingħata bidu għall-modi pożittivi għal soluzzjoni tal-problemi tal-Mediterran ma' għandha tintilef. F'dawn il-modi, l-pajjiżi tal-Mediterran għandhom sehem ta' tmexxija x'jagħtu. Dawn il-problemi jistgħu jiġu solvuti aktar faċilment jekk wieħed iħares lejhom fil-kontest ta' koperazzjoni paċifika.**

"Il-laqgħa ta' Malta hi opportunità speċifikament maħluqa għal dan il-għan. Fil-passat tkellimna dwar il-possibilitajiet u assumejna responsabbilità dwarhom. Issa qegħdin nintalbu li nbiddlu f'azzjoni konkreta l-intenzjonijiet li dwarhom qbilna. Ir-rieda politika tinsab taħt eżami.

**"Biex il-koperazzjoni fil-Mediterran issir realtà, is-sehem fuq bażi ugwali ta' l-istati tal-Mediterran huwa essenzjali.**

"Irridu nikkonċentraw u naħdmu bis-serjetà għal bini ta' identità Mediterranja. Din kienet imressqa fil-passat, imma issa qed toħroġ fil-beraħ.

"Għandna nteressi komuni, u bħala rappreżentanti ta' gvernijiet irridu ndawwru s-sejħa popolari għal bidla paċifika f'sinjali li jidhru ta' koperazzjoni reġjonali għall-vantaġġ ta' kulħadd.

"Hija r-responsabbilità kollettiva tagħna li għas-sitt ġimgħat li ġejjin mhux biss nitkellmu dwar il-Mediterran imma li nniedu Mediterran ġdid. F'dan aħna ffortunati għaliex ir-reġjun qiegħed jistenna riżultat pożittiv mid-diskussjonijiet tagħna fl-interess tiegħu u ta' reġjonijiet ġirien.

**"Hawnhekk tinsab iċ-ċavetta għal ftehim u sigurtà fil-Mediterran u b'hekk kontribuzzjoni soda għas-sigurtà fl-Ewropa", temm jgħid il-Ministru Abela.**

---

## MESSAĠĠ MILL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA

Il-President tar-Repubblika, Dr Anton Buttigieg bagħat messaġġ lill-Laqgħa ta' Esperti. Huwa qal li "kif dan il-post fil-passat (bħala sptar tal-Kavallieri) kien fejjaq il-morda tal-Mediterran, nittama li llum jibda jfejjaq Mediterran marid".

Il-messaġġ tal-President inqara fil-bidu ta' din il-Laqgħa mis-Sur Victor Gauci, kap tad-delegazzjoni Maltija u President tal-Laqgħa ta' l-Esperti.

---

## MESSAĠĠ MIS-SEGRETARJU ĠENERALI TAL-ĠNUS MAGĦQUDA

Is-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda bagħat messaġġ lill-Laqgħa ta' l-Esperti li nqara mis-Sur Mawwaffak Allaf, Deputat Direttur Ġenerali tal-Ġnus Magħquda f'Ġinevra.

Fil-Messaġġ tiegħu, Kurt Waldheim qal li "din il-laqgħa tista' tagħmel kontribuzzjoni siewja għall-Konferenza li jmiss u li se ssir f'Madrid, fi Spanja, għaliex it-tkabbir tal-koperazzjoni ekonomika, xjentifiku u kulturali f'Mediterran kritiku se jsaħħaħ ħafna il-paċi u l-istabilità 'l hinn mill-fruntieri ta' dan ir-reġjun.

Nemmen li l-pajjiżi kollha jistgħu jibbenefikaw mill-isforzi tagħkom."

---

## MESSAĠĠ MILL-PAPA

F'Messaġġ lill-Laqgħa ta' l-Esperti, il-Papa Ġwanni Pawlu II qal li huwa jittama li din il-laqgħa twassal għal inizjattivi konkreti għal koperazzjoni f'diversi oqsma ekonomiċi, xjentifiċi u kulturali li diġà jeżistu.

Il-messaġġ taħt il-firma tal-Kardinal Villot, Prefett għall-Kunsill dwar Affarijiet Pubbliċi tal-Knisja, inqara fil-ftuħ tal-laqgħa mill-Ministru Wistin Abela.

## L-EDUKAZZJONI F'MALTA

# IL-"FELLENBERG CENTRE"



*Dehra ġenerali taċ-Ċentru Fellenberg.*

F'DAWN l-aħħar snin, l-edukazzjoni teknika ta' pajjiżna mxiet 'il quddiem ħafna. Saru sforzi bil-għan li jiżdiedu l-faċilitajiet għat-tagħlim tekniku skond l-aħħar żviluppi avvanzati fid-dinja tax-xjenza. B'hekk żgħażagħ Maltin jitħajru jaqbdu din il-linja ta' studju speċjalment meta jaraw li fil-ħajja industrijalizzata li ngħixu llum. ħaddiem ta' l-id igawdi l-istess dinjità ta' ħaddiem tal-moħħ.

### FTEHIM MAL-GVERN SVIZZERU

**F'Diċembru tal-1973 ġie ffirmat ftehim bejn il-gvern Malti u dak Svizzeru għat-twaqqif ta' l-ewwel Ċentru għat-taħriġ fl-Elettronika Industrijali. Iċ-ċentru kellu jagħmel parti mill-bini ta' l-Istitut Tekniku ta' Raħal Ġdid.**

Permezz tal-ftehim, l-Isvizzera tat għotja ta' flus u bagħtet espert minn tagħha biex igħin fit-tmexxija taċ-ċentru. Bħala turija ta' ringrazzjament, iċ-Ċentru ġie msemmi għal Philip Emanuel Fellenberg li nieda s-sistema edukattiva moderna fl-Isvizzera.

### ESPERJENZA GĦALL-ISTUDENTI

**Bil-għajnuna finanzjarja li ngħatat, setgħu jinxtraw strumenti, apparat elettroniku u magni sabiex jitħarrġu fuqhom l-istudenti. Inħoloq ambjent industrijali fiċ-ċentru bil-għan li l-istudenti jiksbu esperjenza fir-rittmu ta' xogħol fuq il-magni u fit-tħaddim u t-tiswija ta' dawk li jintużaw fil-fabbriki lokali.**

### DĦUL FIL-FELLENBERG

Ġie deċiż li jistgħu japplikaw għal dħul fiċ-Ċentru dawk l-istudenti li jkunu spiċċaw l-iskola sekondarja u li jkollhom l-'O' level fil-Fiżika u l-Matematika. Barra minn hekk, dawn huma mistennija jgħaddu mill-eżami kompetittiv li jsir miċ-Ċentru stess għall-ħabta ta' Ġunju/Lulju.

## KORSIJIET TA' TAĦRIĠ

Il-kors fil-Fellenberg jieħu minn tlieta sa erba' snin. Fl-ewwel sena tal-kors jiġi mgħoti tagħrif u taħriġ bażiku fil-bench fitting. Hemm workshop apposta għal dan it-taħriġ. Għalkemm is-sengħa hija fl-elettronika, madankollu student ikun meħtieġ li jkun kapaċi jillima, jissega u jaħdem fuq it-torn u magni oħra. Dan biex ikun jista' jaħdem "chassis" jew oġġetti mekkaniċi oħra li għandhom x'jaqsmu dirett jew indirett max-xogħol tal-elettronika. Fl-ewwel sena ta' studju jibda jingħata tagħlim bażiku fuq l-elettronika.

**Fit-tieni sena, jiżdied it-tagħlim tejoretiku fl-elettronika u l-elettriku u jonqos daqsxejn it-taħriġ prattiku fil-workshops. Fit-tieni sena, l-istudenti jibdew jagħmlu esperimenti fl-elettronika.**



Fit-tielet sena, l-istudenti jkollhom iżjed tagħlim fl-etettronika. Ħafna sigħat huma ddedikati għal taħriġ prattiku fil-laboratorji. L-esperimenti li jsiru hawnhekk mill-istudenti huma bbażati fuq teknoloġija l-aktar riċenti, u f'dan il-fażi ta' studju tingħata importanza kbira lis-suġġett tad-'digital Electronics'.

**Fl-aħħar tat-tielet sena jsir eżami u min iġib 'il fuq minn 75%, ikun jista' jattendi għar-raba' sena.**

## IR-RABA' SENA

**Ir-raba' sena hija ta' speċjalizzazzjoni. Barra li l-istudenti jingħataw tagħlim intensiv fit-taħriġ ta' l-elettronika, huma jaħdmu fuq proġetti prattiċi. Għal dan ix-xogħol produttiv li jagħmlu, il-Gvern iħallashom ħamsin ċenteżmu kuljum bħala inċentiv u jwiegħed li jsib impieg għal dawk l-istudenti li jispiċċaw b'suċċess din is-sena ta' studju.**

Jiġu organizzati bosta żjarat lil diversi industriji lokali u lit-Tarzna ta' Malta. L-istudenti jżuru postijiet bħal dawn bil-għan li jorjentaw ruħhom fil-klima industrijali tagħna u jkunu jistgħu jagħżlu mingħajr diffikultà x'tip ta' xogħol jixtiequ jaqbdu la darba jtemmu l-kors tagħhom.

## GĦALLIEMA

L-instructors tal-Fellenberg huma kollha kwalifikati u bl-esperjenza. Ħafna minnhom attendew korsijiet ta' speċjalizzazzjoni fis-suġġetti tal-elettriku u l-elettronika. Dan sar possibbli permezz ta' boroż ta' studju fil-Ġermanja u fl-Isvizzera.

**Fiż-żmien relattivament qasir ta' erba' snin minn mindu twaqqaf iċ-Ċentru ta' taħriġ, sar progress sodisfaċenti. Il-Fellenberg diġà għamel isem speċjalment mal-Kumpaniji lokali għal-livell għoli ta' teknika li tingħata lill-istudenti. Dan jixhdu l-fatt li l-ewwel grupp ta' studenti li temmew il-kors, sabu opportunitajiet sbieħ ta' impieg bħala 'field engineers' ta' kumpanija barranija tal-kompjuters; bħala tekniċi ma' dipartiment tal-gvern u ma' kumpaniji parastatali.**





# IS-SACRA INFERMERIA (KNIGHTSHALL) TINBIDEL U SSIR

# DAR IL-MEDITERRAN GHAL KONFERENZI




*Is-Sacra Infermeria kif kienet dilapidata.*

## IS-SACRA INFERMERIA FL-ISTORJA

IS-SACRA Infermeria (magħrufa bħala n-Knightshall) kienet inbniet mill-Gran Mastru La Cassiere fis-sena 1574, aktarx mill-perit Malti Ġlormu Cassar.

**Dan il-bini kien l-Isptar ta' l-Ordni ta' San Ġwann li fl-aqwa tiegħu kien wieħed mill-aħjar fl-Ewropa u kien iservi mhux biss għall-Maltin iżda wkoll għal nies li kienu jiġu għal kura fih minn kullimkien.**

Meta ġie Napuljun Malta fl-1798, kien użah għat-truppi Franċiżi. Wara l-miġja ta' l-Ingliżi fl-1800, sar l-Isptar Militari ewlieni tagħhom, u fl-ewwel gwerra Dinjija ġew ikkurati fih eluf u eluf ta' suldati Ingliżi, Awstraljani u dawk ta' New Zealand.

Dan il-bini dam iservi ta' Sptar sa l-1920 meta beda jintuża bħala l-Kwartier Ġenerali tal-Pulizija. Fl-1940, meta bdiet il-gwerra, beda jservi għad-divertiment tat-truppi Ingliżi u Maltin u kien isir fih 'boxing', wiri ta' films u shows simili. F'xi żmien kien fih ukoll l-istudios tar-Rediffusion.

**Wara l-gwerra, ġew imqiegħda fis-Sacra Infermeria n-nies li d-djar tagħhom kienu qed jitwaqqgħu fir-rikostruzzjoni tal-Mandraġġ. Fl-1951, dan il-bini ħa l-isem tan-Knightshall u beda jintuża minn Kumitat imwaqqaf mill-Gvern ta' dak iż-żmien għall-Opri Mużikali u rappreżentazzjonijiet teatrali oħra, fosthom shows għat-tfal.**

Is-sala prinċipali kienet tintuża għall-għadd tal-voti fl-elezzjonijiet u għall-eżamijiet pubbliċi.

Il-bini tas-Sacra Infermerija huwa ta' daqs immens u jagħmel ma erba' triqat: Triq l-Irlandiżi, Triq it-Tramuntana, Triq il-Merkanti u Triq l-Isptar il-Qadim. Il-bini kollu ma sarx f'daqqa, u baqa jikber ftit ftit għal bosta snin. Is-sala prinċipali, li hi ikkunsidrata bħala l-itwal waħda mingħajr kolonni jew pilastri fl-Ewropa kollha, fiha aktar minn 153 metri u ġiet kompluta mill-Gran Mastru Cottoner fl-1664.

**Iżda dan il-bini majestuż, kien il-ħin kollu qed jitmermer; parti sewwa mis-saqaf tas-sala t-twila kien għadu mwaqqa' bil-gwerra, u kien**




*Jibda x-xogħol fuq barra .....*



*Meta tlesta.*

**hemm il-periklu kbir li, jekk ma ssirx xi ħaġa malajr, is-Sacra Infermeria kienet se tintilef u tispiċċa għal dejjem.**

## MINN SPTAR TAL-KAVALLIERI GĦAL DAR TAL-KONFERENZI

Kien fil-messaġġ tiegħu ta' l-aħħar tas-sena 1977 lin-Nazzjon, li l-Prim Ministru Dom Mintoff, ħabbar, fost ħwejjeġ oħra t-twaqqif ta' Dar għall-Konferenzi tal-Mediterran fil-Belt — fis-Sacra Infermeria.

**Ir-reazzjoni ġenerali għal din l-aħbar kienet waħda ta' sodisfazzjon kbir, għaliex il-bżonn ta' ħaġa bħal din kien ilu jinħass fostna. Għalkemm f'Malta diġà ilhom jeżistu għal xi snin swali għall-Konferenzi, uħud minnhom f'postijiet privati, Ċentru għal dan l-iskop qatt ma kellna.**

Dar għall-Konferenzi, wisq iżjed minn sala unika, huwa kumpless sħiħ ta' diversi swali, uffiċini, kmamar għall-kumitati, swali għall-espożizzjonijiet, ristorant eċċ kollha mogħnija bil-faċilitajiet l-aktar moderni u sofistikati biex fihom jilqgħu delegati mid-dinja kollha biex jiddiskutu u jiddibattu materji bħal politika, ekonomija, xjenza u affarijiet oħra.

B'hekk, b'ħidma l-aktar għaqlija, il-Gvern Soċjalista Malti beda jbiddel is-Sacra Infermeria f'Dar għall-Konferenzi.

## DAR IL-MEDITERRAN GĦALL-KONFERENZI

**Nhar il-Ħadd, 11 ta' Frar, il-President tar-Repubblika Dr Anton Buttigieg, fetaħ uffiċjalment din id-"Dar tal-Mediterran għall-Konferenzi" li ġiet meqjusa bħala "miraklu ta' xogħol il-ħila tal-ħaddiem Malti."**

Fid-diskors tiegħu tal-ftuħ, il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport is-Sur Lorry Sant qal li biex Dar il-Mediterran setgħet titlesta fil-ħin ħalli fiha tkun tista' ssir din l-ewwel konferenza internazzjonali,





*Il-Ministru Sant, il-President tar-Repubblika Anton Buttigieg u l-Perit Mizzi quddiem il-lapida kommemorattiva.*

riedet tkun il-ħila, il-ħeġġa u d-determinazzjoni tal-ħaddiema Maltin li bejn Novembru tas-sena l-oħra u l-aħħar ta' Jannar li għadda ħadmu kemm felħu lejl u nhar biex lestewha.

Il-Ministru Sant fid-diskors tiegħu qal li x-xogħol li ried isir kien jikkonsisti f'restawr ta' bini antik li nbena aktar minn 400 sena ilu, jitwaqqa' bini dilapidat u perikoluż u minfloku jinbena bini ġdid. Riedu jsiru toroq ġodda, sistemi ġodda ta' ilma, dwal u drenaġġ, impjant ta' arja kondizzjonata, xogħol ta' njam, xogħol sofistikat ta' soqfa u audio vision, restaurant, għamara u aperturi, purtieri, palk u pit għall-orkestra, linji ta' telefon, aktar minn 2,000 pultruni, siġġijiet, kċina, xogħol ta' rħam, madum u uffiċini.

**Il-Ministru Sant irrefera wkoll għall-għadd kbir ta' problemi li iltaqgħu magħhom matul ix-xogħlijiet, iżda dawn ma qatgħux qlub il-ħaddiema u fl-aħħar ta' Jannar, 1979 — xahrejn wara li nbeda x-xogħol bis-serjetà — Dar il-Mediterran għall-Konferenzi tlestiet minn kollox.**

Il-Ministru Sant temm id-diskors tiegħu billi irringrazzja f'ismu u f'isem il-Gvern u l-Prim Ministru, lill-ħaddiema Maltin, periti, kuntratturi, lit-Tarzna, kif ukoll lill-Konslu ta' Malta f'Napli u lill-awtoritajiet tat-Teatru San Carlo għas-separju li taw. Huwa rringrazzja wkoll lill-Prim Ministru għall-pariri u l-inkoraġġiment tiegħu kif ukoll lill-Ministri l-oħra.

**Wara d-diskors tal-Ministru Sant, kien imiss lill-President tar-Repubblika, Dr Anton Buttigieg li jagħmel id-diskors tiegħu qabel ma huwa ddikjara miftuħa din id-Dar tal-Mediterran għall-Konferenzi.**

---

*Wara li ntemmet iċ-ċerimonja — li għaliha attendew Ministri u membri Parlamentari kif ukoll membri tal-Korp Diplomatiku, il-folla kbira li kien hemm daħlet tara u tammira s-Sala tar-Repubblika — s-sala prinċipali.*



*Dar għall-Konferenzi huwa kumpless sħiħ li jinkludi ristorant.*





## RITRATTI LI JAGĦTU ĦJIEL TAX-XOGĦOL KBIR LI SAR BIEX SARET IL-BIDLA GĦAL

## "DAR IL-MEDITERRAN GĦALL-KONFERENZI"

B'ĦIDMA l-aktar għaqlija, il-Gvern Soċjalista Malti beda jbiddel is-Sacra Infermeria f'Dar għall-Konferenzi.

Għal dan il-għan riedet tkun il-ħidma, il-ħila, il-ħeġġa u d-determinazzjoni tal-ħaddiema Maltin li bejn Novembru tas-sena l-oħra u l-aħħar ta' Jannar li għadda ħadmu kemm felħu lejl u nhar biex ilestuha.

Ix-xogħol kien jikkonsisti f'restawr ta' bini antik u tlugħ ta' ieħor ġdid.

Dar għall-Konferenzi, wisq iżjed minn sala unika, huwa kumpless sħiħ ta' diversi swali, uffiċini, kmamar għall-kumitati, swali għall-espożizzjonijiet, ristorant, eċċ. kollha mogħnija bil-faċilitajiet l-aktar moderni u sofistikati biex fihom jilqgħu delegati middinja kollha biex dawn jiddiskutu u jiddibattu materji bħal politika, ekonomija, xjenza u affarijiet oħra.









*Bitħa dilapidata trasformata fis-Sala Ewlenija.*



# inti u l-liġi

Sid għandha post mhux dekontrollat. Il-kerrej talabha biex jibni kamra għas-spejjeż tiegħu.

a) Għandu dritt jibniha bla permess, jew irid il-permess tas-sid?

b) Jekk is-sid jagħti l-permess, il-kerrej ikollu xi darba dritt għall-ispejjeż?

ċ) Jekk iva xi jrid jagħmel is-sid biex jevita li jkollu xi darba joħroġ l-ispejjeż?

L-artikolu 1653 tal-Kodiċi Ċivili jgħid: "Il-kerrej ma jista' jagħmel ebda tibdil fil-ħaġa mikrija, mingħpajr il-kunsens ta' sid il-kera, u m'għandux jedd jitlob il-ħlas lura tal-valur, 'ikun kemm ikun,' tal-miljoramenti magħmula mingħajr dak il-kunsens".

Għalhekk inti għandek tagħmilha ċara biżżejjed li ma tridx li l-kerrej jagħmel xogħol ta' bini fil-fond mikri. Jekk għada pitgħada l-kerrej jitlob xi ħlas, 'irid jipprova hu' li l-bini li sar, sar bil-kunsens tas-sid.

* * * *

Naf li meta jinqasam wirt tal-ġenituri, id-dota li jkunu ħadu l-bniet trid tonqos minn sehemhom, jekk il-ġenituri ma jkunux għamlu testment fejn jeżentawhom minn dan id-dmir.

Hemm xi mezz ieħor, barra b'testment, li bih il-ġenituri jistgħu jagħtu eżenzjoni bħal din lil binthom li tkun ħadet dota?

Iva, hemm. Din l-eżenzjoni tista' tiġi mogħtija, skond l-artikolu 955 tal-Kodiċi Ċivili, "fl-att stess li bih issir id-donazzjoni". Jiġifieri il-ġenituri tiegħek jagħtuk id-dota b'kuntratt, u fih stess jeżentawk minn dak li jissejjaħ l-obbligu tal-kollazzjoni.

* * * *

Jiena miżżewġa ma' armel li għandu t-tfal miżżewġin. Jien ma kellix tfal. Ulied żewġi lili ma jġibunix u lil missierhom jinkwetawh ħafna fuq hekk. Issa, billi hu jaf li skond il-liġi, billi jiena t-tieni mara, ma jistax iħallili aktar milli jħalli lill-inqas favorit fost uliedu, jixtieq jagħmilli donazzjoni matul ħajtu. Jista'?

Kif qallek żewġek, hu veru li int ma jistax immissek mill-wirt tiegħu aktar milli jmiss lill-inqas favorit fost uliedu — u dan skond l-artikolu 641 tal-Kodiċi Ċivili. Barra minn hekk, anki kieku inti kont l-ewwel mara tiegħu, żewġek ma kienx ikun jista' jgħamillek donazzjoni, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, skond l-artikolu 1906. Issa, billi inti 'it-tieni' mara tiegħu, il-liġi, fl-artikolu 1842 (b) timpedik milli jagħtik b'donazzjoni aktar milli jista' jħallilek b'testment.

* * * *

1. Tnejn minn uliedi għal xi snin ilhom jgħixu u jorqdu ma' nannithom marida u xiħa li tinsab weħidha. Jekk kemm-il darba x-xiħa tiġi nieqsa, it-tfal jitilfu d-dritt li jibqgħu jokkupaw id-dar? Is-sid għandha d-dritt li titlob lura d-dar wara l-mewt tax-xiħa, jew il-kera jaqa' fuq it-tfal?

2. Ommi mietet bla ma' ħalliet testment u fil-bank ħalliet somma żgħira ta' flus. Wieħed raġel (li qabel kien prokuratur ta' ommi) kitibli bl-avukat u bgħatli l-karti biex niffirmahom u ninnominah prokuratur biex jiġbed il-flus huwa u jqassamhom fuqna l-aħwa huwa, wara li jinqatgħu l-ispejjeż li saru jew jistgħu jsiru. Jien deherli li mgħandix niffirma u nikkommetti ruħi (i) jekk saru xi spejjes dawn jien ma kontx infurmat bihom għad (ii) ma jidhirlix li raġel barrani għandu jidħol prokuratur huwa meta aħna ninsabu diversi aħwa.

Nixtieq naf x'ser jiġri mil-flus jekk jien nibqa' ma niffirmax? Jista' xi ħadd jiġbed il-flus mingħajr il-firma tiegħi?

1. Skond l-artikolu 2 tal-Kapitlu 109. (Tiġdid tal-Kiri ta' Bini) tal-1963, meta l-kerrej imut u ma jħallix armel jew armla, imma jħalli lil xi "membri tal-familja tiegħu li jkunu joqgħodu miegħu fiż-żmien tal-mewt tiegħu", dawn il-membri tal-familja għandhom jiġu rikonoxxuti mis-sid bħala kerrej. Tinsiex li l-liġi titlob li dawn il-membri ikunu 'joqgħodu' mal-kerrej; jiġifieri ikollhom ir-residenza tagħhom hemm; u mhux biss 'jorqdu' hemm.

2. Kellek id-dritt kollu tirrifjuta li tiffirma il-karti li ressqulek. Min naħħa l-oħra, la intkom diversi aħwa u testment m'hemmx, xi ħadd irid ikun nominat minnkom bħala prokuratur. Ħaġa xierqa li dan il-prokuratur ikun wieħed mill-aħwa stess.

Kwantu għall-prokuratur ta' ommkom, is-saħħa tal-prokura spiċċat mal-mewt ta' ommkhom; għalhekk il-prokuratur talabkom il-firem tagħkom; u jiddipendi minnkom jekk tinnominawhx jew le. Però ftakru li hu jkollu d-dritt li jitħallas tax-xogħol li għamel bħala prokuratur ta' ommkom.

# L-ISTUDJU TA' L-GĦASAFAR F'MALTA



**IL-MINISTRU tax-Xogħol, Kultura u Għajnuna Soċjali, is-Sinjorina Agatha Barbara, nhar l-Erbgħa, 24 ta' Jannar iffirmat ftehim mas-Soċjetà Ornitoloġika li bih ser titwaqqaf skema waħda f'Malta dwar ċrieket għall-istudju xjentifiku ta' l-għasafar. Din l-iskema ser tissejjaħ il-"Valletta Bird Ringing Scheme", li ser titmexxa minn Kumitat imwaqqaf mis-Soċjetà Ornitoloġika b'żewġ membri maħtura mill-Ministru tal-Kultura.**

It-tlibbis taċ-ċrieket ta' l-għasafar f'Malta ilu jsir mis-Soċjetà Ornitoloġika sa mill-1964. Dan isir permezz ta' ċurkett li jkun fih indirizz Malti fuqu, u li jiġi mpoġġi madwar saqajn l-għasfur. Għall-dan ix-xogħol tintuża għodda speċjali, fosthom: tnalja li jkun fiha diversi daqsijiet ta' toqob li permezz tagħhom jingħalaq iċ-ċurkett. Hemm diversi daqsijiet ta' ċrieket u kull speċi ta' għasfur jitlob ċurkett ta' ċertu daqs.

Wara li l-għasfur jitpoġġielu ċ-ċurkett, jittieħdulu ċerti miżuri tal-pinen tal-ġwienah, kif ukoll il-piż ta' l-għasfur innifsu. Minn din l-informazzjoni jista' jinkiseb tagħrif kemm fuq l-ispeċi ta' l-għasfur kif ukoll fuq l-għasfur stess. Peress li dan ix-xogħol xjentifiku jitlob serjetà kbira, wieħed irid jagħmel taħriġ fit-tul biex jikkwalifika u jakkwista permess biex ikun jista' ilibbes iċ-ċrieket lill-għasafar. Dan irid ikun jagħraf sewwa speċi minn oħra; irid ikun jaf jaqbad l-għasafar mingħajr biża' li dawn isofru xi ħsara; u, jrid jattendi regularment għat-taħriġ u jlibbes ċurkett lil, ta' l-anqas, mitejn għasafar f'sena. Barra minn hekk irid josserva ċerti regulamenti u direttivi. B'hekk dan ix-xogħol ikun qed isir minn nies imħarrġa li jassiguraw li meta l-għasafar imlibbsin iċ-ċurkett jittajjru lejn pajjiżi oħra kemm fl-Ewropa kemm ukoll fl-Afrika, dawn ikollhom ċrieket fuq standard internazzjonali u b'hekk ma jirriflettux ħażin fuq pajjiżna.

**Dan ix-xogħol xjentifiku, li kif għidna, ilu jsir sa mill-1964, diġà żvela ċertu informazzjoni. Insibu, per eżempju, li pitirross mill-Lunżjata, Għawdex, ġie misjub ibejjet 150 mil fit-tramuntana ta' Moska fir-Russja. Ħuttafa b'ċurkett ta' Malta ġiet misjuba fil-Fillandja. U kien hemm diversi sejbiet oħra fl-Italja, il-Libja, l-Olanda u anke f'Zaire fl-Afrika.**

Mill-banda l-oħra għasafar mill-Italja, Ġermanja, il-Jugoslavja, u l-Belġju ġew misjuba hawn Malta mill-membri tas-Soċjetà. Kif wieħed jista' jara, dan ix-xogħol xjentifiku poġġa 'l Malta fuq il-mappa Ornitoloġika u ġabha f'kuntatt ma dawn il-pajjiżi kollha.

Permezz ta' dan l-istudju xjentifiku instab ukoll li diversi għasafar ipassu lejn l-istess post sena wara l-oħra. Diversi pitirossi minn Malta irritornaw fl-istess post għal xi 3 jew 4 snin wara xulxin.

**Il-ftehim bejn il-Ministru tax-Xogħol, Kultura u Għajnuna Soċjali u s-Soċjetà Ornitoloġika ser jagħti aktar uffiċjalità lil dan ix-xogħol xjentifiku u l-Kumitat li se jmexxi u jagħmel superviżżjoni fuq dan ix-xogħol se jassigura li l-apparat għal dan ix-xogħol xjentifiku jintuża biss minn nies imħarrġa u awtorizzati li jkollhom il-permess maħruġ lilhom minn dan il-Kumitat stess.**

Dan il-Kumitat se jippubblika rapport annwali fuq il-**"Bird Ringing Records"** ta' l-attivitajiet li jrid iżomm il-Kumitat. Dawn se jintbagħtu wkoll lill-Ministru. Records oriġinali li jinżammu mill-Valletta Bird Ringing Committee se jkunu jistgħu jintużaw għal skopijiet ta' studju minn persuni li jkollhom l-awtorità tal-Ministru. Is-Soċjetà Ornitoloġika se tiffinanzja din l-iskema.

**Dan il-ftehim bejn il-Ministru Agatha Barbara u s-Soċjetà Ornitoloġika huwa pass ieħor 'l quddiem biex l-għasafar — parti mill-wirt naturali ta' pajjiżna — ikunu jistgħu jiġu apprezzati u studjati fl-ambjent naturali tagħhom fuq metodi aċċettati mad-dinja kollha mingħajr ma ssirilhom l-ebda ħsara.**

# KULTURA

# IS-SENA INTERNAZZJONALI TAT-TFAL

FIL-PAJJIŻI kollha tad-dinja l-għanjiet tat-tfal ma japplikawx għal kollox għad-dinja ta' l-immaġinazzjoni tat-tfal. Għalhekk fil-pajjiżi kollha li qegħdin iniedu s-**Sena Internazzjonali tat-Tfal** ser tiġi organizzata kompetizzjoni u Konkors Internazzjonali magħrufa għal għanjiet ġodda tat-Tfal bil-għan li jinkitbu aktar għanjiet moderni mnebbħa bi spirtu nternazzjonali ta' ħbiberija fost l-aħwa.

**Il-Kummissjoni Nazzjonali Maltija tas-S.I.T. hi responsabbli biex tniedi dan il-Konkors fuq livell nazzjonali u biex wara tibgħat żewġ xogħlijiet għall-Kompetizzjoni Internazzjonali li għandha tintwera f'wirja Internazzjonali ta' l-UNICEF f'belt kapitali u mxandra fuq l-Eurovision/Mondovision.**

Skond ir-regoli u r-regolamenti tal-Kumitat Organizzativ Internazzjonali taħt il-patroċinju ta' l-UNICEF il-kompetizzjoni nazzjonali qiegħda tiġi mifruxa/organizzata fuq żewġ fażijiet:

**L-Ewwel Fażi — Kompetizzjoni għall-kontenut (jiġifieri versi) sat-28 ta' Frar, 1979.**

**It-Tieni Fażi — Kompetizzjoni għall-melodija sas-2 ta' Mejju, 1979.**

Il-Kummissjoni Nazzjonali tas-S.I.T. qiegħda b'hekk tħabbar l-Ewwel Fażi (Kompetizzjoni għall-kliem, versi) u tistieden lill-persuni nteressati biex jibgħatu xogħlijiet. Id-data ta' l-egħluq hi nhar l-Erbgħa 21 ta' Frar. Jistgħu jieħdu sehem iċ-ċittadini kollha Maltin.

Jistgħu jintbagħtu żewġ għamliet differenti ta' kitbiet.

**Għamla A — kliem għall-għanjiet normali tat-tfal.**

**Għamla B — kliem għall-għanjiet tat-tfal imqanqla mid-Dikjarazzjoni tal-Ġnus Magħquda tal-Jeddijiet tat-Tfal ta' l-20 ta' Novembru 1959.**

**Jedd 10: "Il-jedd li jitħares mill-persekuzzjoni u li jitrabba fi spirtu ta' paċi u ħbiberija internazzjonali bejn l-aħwa".**

Il-kliem għandu jkun bil-Malti jew bl-Ingliż. M'għandux ikollu riferenzi politiċi u l-anqas ma jmur jew jgħid kontra xi pajjiż jew poplu ieħor. Barra minn dan, il-kliem ma jistax imur kontra l-ispirtu ta' l-10 prinċipji tad-Dikjarazzjoni tal-Jeddijiet tat-Tfal tal-Ġnus Magħquda.

Il-Kompetizzjoni għall-melodija li titħabbar mill-Kummissjoni Nazzjonali f'Marzu, issir għall-aħjar żewġ xogħlijiet tal-kitba magħżulin. Premjijiet ta' £M50 jingħataw lil kull wieħed miż-żewġ xogħlijiet magħżulin.

Formoli ta' l-applikazzjoni u kopji tar-regolamenti jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni (fil-ħinijiet ta' l-Uffiċċju).

---

# LAQGĦA MAR-RAPPREŻENTANT TA' L-U.N.E.S.C.O

IL-MINISTRU tax-Xogħol, Kultura u Għajnuna Soċjali s-Sinjorina Agatha Barbara it-Tnejn 22 ta' Jannar, kellha taħditiet mar-rappreżentanti tal-U.N.E.S.C.O. Dr Percy Stulz, dwar il-pjan ta' azzjoni għall-kampanja internazzjonali biex jiġu restawrati l-monumenti storiċi ta' Malta u Għawdex. Dan il-pjan ġie mniedi mill-U.N.E.S.C.O.

Għal-laqgħa, li saret fl-uffiċċju tal-Ministru fil-Belt, Valletta, kien hemm preżenti d-Direttur tal-Mużewijiet, is-Sur Francis Mallia u l-Maġġur Victor Castillo, Chairman tal-Kunsill għall-Kultura.

Dr Stulz huwa d-Direttur tal-qasam tal-wirt kulturali tal-U.N.E.S.C.O.

*Dr Stulz jiltaqa' mal-Ministru Barbara*



## L-AĦJAR KOMPOŻIZZJONI TA' MUŻIKA

## SERJA MINN KOMPOŻITURI MALTIN

Is-Soċjetà ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ għandha l-pjaċir tħabbar kompetizzjoni biennali għall-aħjar kompożizzjoni mużikali serja, bħala inċentiv għall-kompożituri Maltin. Il-Performing Rights Society ta' Londra, permezz tar-rappreżentanti tagħha f'Malta, Messrs Albert V. Mallia Ltd., se tagħti £M100 fi premjijiet.

Il-Kunsill tas-Soċjetà, wara konsultazzjoni mal-Performing Rights Society Ltd., iddeċieda li jingħataw tlett premjijiet kif ġej:—

| | |
|---|---|
| L-Ewwel premju | £M50 |
| It-Tieni premju | £M30 |
| It-Tielet premju | £M20 |

Barra minn dawn il-premjijiet ir-rebbieħa jingħataw Diploma ta' Meritu mis-Soċjetà ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ.

Għal din il-kompetizzjoni, il-kompożituri għandhom jissottomettu l-kompożizzjonijiet tagħhom sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 6 ta' April 1979 u għandhom jiġu ndirizzati lis-Segretarju, Soċjetà ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ, Palazzo de la Salle, 219, Triq ir-Repubblika, Valletta u għandhom jintbagħtu bil-posta reġistrata jew jittieħdu bl-idejn.

Kopji tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tas-Soċjetà matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju — mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00 a.m. u n-12.30 p.m. u s-2.00 p.m. u l-5.30 p.m.

## ŻEFFIENA RUMENI F'MALTA

Għal darb'oħra, il-Ministeru tax-Xogħol, Kultura u Għajnuna Soċjali, ġab fostna ġemgħa ta' żeffiena u kantanti Folkloristiċi barranin biex il-poplu Malti jgawdi dejjem aktar il-kultura tal-pajjiżi ħbieb ta' Malta.

Bl-inizjattiva personali tal-Ministru Agatha Barbara ż-żeffiena u kantanti Rumeni Semenicul ta' Caras-Severin taw għadd ta' wirjiet ta' żfin u kant folkloristiku fit-Tejatru Manoel.

Dan il-grupp diġà ferraħ bil-wirjiet spettakulari tiegħu lill-popli ta' diversi pajjiżi Ewropej.

Il-ġemgħa kellha fostha virtuosi fil-kant u fiż-żfien u wkoll fid-daqq ta' strumenti tipiċi tar-Rumanija, pajjiż għani ferm fit-tradizzjonijiet.

# META TKUN MIEXI FIT-TRIQ

- Meta tkun miexi fit-triq għandek dejjem toqgħod attent.
- Qatt ma għandek timxi fit-triq **barra mill-bankina.** Fejn ma jkunx hemm bankina, **imxi dejjem fuq il-lemin tat-triq** biex tkun tista' tara t-traffiku ġej fuq in-naħa li tkun int.
- Qatt ma għandek **titlajja fit-triq** mingħajr bżonn. Ftakar li t-triq qegħda hemm primarjament biex tintuża mit-traffiku.
- Meta tkun miexi bil-lejl, jekk jista' jkun dejjem għandek tilbes fuqek **xi ħaġa ċara** li tkun tidher sewwa mis-sewwieqa tal-karozzi.
- Fejn ikun hemm, int dejjem għandek **tuża s-subways.** Fejn ma jkunx hemm, qatt ma għandek taqsam it-triq kif ġie ġie.
- L-ewwel għandek tara li ma jkun ġej ħadd u mbagħad għandek taqsam malajr fl-**iqsar distanza tat-triq.**
- Jekk jista' jkun taqsamx it-triq f'**salib it-toroq.**
- Jekk, waqt li tkun taqsam xi triq, tara xi karrozza ġejja fuqek int għandek **tiddeċiedi mill-ewwel lil fejn se tmur** sabiex is-sewwieq ikun jista' jevitak.
- Fejn ikun hemm **"zebra crossing"** dejjem għandek taqsam minn fuqha. Mill-banda l-oħra, meta taqsam minn fuq **"zebra crossing"** għandek toqgħod attent u ma taqsamx it-triq bl-addoċċ.

# TIM TAL-FOOTBALL ĊINIŻ IŻUR MALTA





*It-tim tal-Football Ċiniż (ritratt fuq) u dak tat-Tim Malti (ritratt isfel).*

**NHAR il-Ħamis l-1 ta' Frar, il-kontinġent Ċiniż, ġie milqugħ fl-ajruport ta' Ħal Luqa mill-Eċċellenza Tagħha, is-Sinjura Cheng, mart l-Ambaxxatur Ċiniż f'Malta, uffiċjali mill-Ambaxxata Ċiniża f'Malta, uffiċjali mill-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport, u membri ta' l-Għaqda ta' Ħbiberija bejn Malta u ċ-Ċina.**

Mill-grupp ta' players li jiffurmaw l-iskwadra Ċiniża, tnejn minnhom kienu ġew is-sena l-oħra ma' l-ewwel tim Ċiniż tal-football li qatt żar l-Ewropa, u li kien ħa sehem fi Viareggio u wara baqa' ġej Malta. Dawn iż-żewġ players huma d-difensuri Li Zhihao u Ma Baosheng.

Ta' min igħid li t-tim Ċiniż huwa mill-provinċja ta' Hebei (li qabel kienet magħrufa bħala Hopei), fejn hemm popolazzjoni ta' 40 miljun.

**Il-kontinġent Ċiniż li kien jikkonsisti minn 17-il player li l-età tagħhom tvarja bejn 19 u 21 sena, flimkien ma' ħames uffiċjali — il-manager Wang Boqing, id-deputy manager Luo Yi, il-coach Shao Xiankai, is-segretarju u nterpretu tal-kontinġent Yao Zhihan, u t-tabib Zhou Shulian.**

It-tim Ċiniż taż-żgħażagħ tawwal iż-żjara tiegħu f'Malta b'jumejn, u għaldaqstant flok il-Ħamis telqu s-Sibt, 10 ta' Frar.

**Iċ-Ċiniżi lagħbu l-ewwel logħba tagħhom il-Ħadd ta' wara kontra t-tim ta' taħt il-21 sena tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport. Bħala 'curtain raiser', dak in-nhar stess intlagħbet logħba bejn tim miċ-Ċentru Sportiv u selezzjoni mit-timijiet li qed jieħdu sehem fil-FOOTBALL GĦAL KULĦADD (Taħt is-16-il sena).**

Iċ-Ċiniżi lagħbu t-tieni logħba tagħhom kontra ċ-champions Għawdxin, Sannat Lions, fis-Silver Jubilee Ground ġewwa Għawdex.

Bir-rebħa tajba li kisbu l-ġurnata ta' qabel bl-iskor ta' 2—0 fuq it-tim ta' taħt il-21 sena tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport, iċ-Ċiniżi ħallew impressjoni tajba ħafna, minkejja li l-logħba ntlagħbet f'xita kontinwa, u huma kkonfermaw il-progress kbir li l-football qed jagħmel fiċ-Ċina.

**Iċ-Ċiniżi lagħbu t-tielet logħba tagħhom kontra selezzjoni mill-clubs tat-Tielet u r-Raba' Diviżjoni tal-MFA, fl-Istadium, tal-Marsa.**

## Kompetizzjoni Chess għal Kulħadd

IL-MINISTERU tax-Xogħlijiet u Sport, bil-kollaborazzjoni tal-Federazzjoni taċ-Chess, se jorganizza kompetizzjoni CHESS GĦAL KULĦADD għal timijiet ta' erba' players (tlieta jilgħabu u wieħed reserve) fuq bażi ta' league.

Għal din il-kompetizzjoni, li jekk hu possibbli se tintlagħab fuq bażi ta' home u away, jistgħu jieħdu sehem Dipartimenti tal-Gvern, Korpi Parastatali, Industriji, Lukandi, Każini, eċċ mingħajr ebda restrizzjoni.

**Hemm il-ħsieb li l-kompetizzjoni, li għaliha se jkun hemm premjijiet xierqa, tinbeda f'April, u għaldaqstant dawk interessati għandhom iċ-ċans li japplikaw fis-Sezzjoni Sport, Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport, Beltissebħ mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Marzu, 1979.**

---

## *Investimenti ta' flus barra minn Malta*

**B'EFFETT immedjat kull min għandu flus barra minn Malta li investihom sa l-aħħar ta' l-1978 jista' jqegħdhom f'li 'Special Repatriation Deposit Scheme'. L-imgħaxijiet u dividendi fuq dawn l-investimenti wkoll jistgħu jiġu depożitati fl-iskema.**

Qabel, fl-iskema setgħu jitqiegħdu biss investimenti u qligħ li saru sa l-aħħar ta' l-1975, kif ukoll l-imgħaxijiet u dividendi fuqhom.

**Kif ħabbar il-Ministru tal-Finanzi fid-diskors tal-Budget, ir-rata ta' imgħax matul l-1979 fuq flus depożitati fl-iskema ser terġa' tkun ta' $8\frac{3}{4}$ fil-mija.**

L-iskema qed tiġi estiża għal investimenti li saru sa l-aħħar ta' l-1978 bħala għajnuna għal dawk kollha li nvestew barra minn Malta u jixtiequ jġibu lura flushom minħabba l-biża' ta' telf li jistgħu jsofru kawża tat-taħwid fis-swieq tal-kambju li għaddejja minnu d-dinja f'dawn iż-żminijiet.

Din il-faċilità hija bażata fuq is-sistema ta' 'fixed deposit' ta' sena. Meta jagħlaqlu, dak li jkun jista' jerġa' jġeddu jew jirtirah u jekk irid jinvestih barra direttament.

**Ħadd ma hu qed jiġi mġiegħel li jġib flusu lura u min iġibhom jagħmel hekk għax irid, iżda l-Gvern ma jistax fl-istess ħin ma jagħtix il-pariri tajba tiegħu kif dejjem għamel bħal ma missier jagħti lill-uliedu.**

---


## IL-BANK TAD-DEMM

## Id-demm hu ..... il-ħajja

**Id-demm kollu li joħroġ mill-Bank tad-Demm ta' Malta jingħata mingħajr ħlas fi fliexken tal-ħġieġ tip Baxter. Dawn il-fliexken jintużaw darba biss. Id-demm ikun proċessat u meħlus minn diversi mard speċifiku, hekk kif mitlub mir-Regolamenti Internazzjonali dwar il-Banek tad-Demm.**

**Ta' min wieħed ifakkar, illi meta wieħed jagħti d-demm dan id-demm irid l-ewwel jgħaddi minn ħafna tests sabiex ikun jista' jingħata lil xi pazjent. Dawn it-tests fil-laboratorju jieħdu żmien twil.**

**Id-Direttur tal-Bank jappella bil-qawwa lill-pubbliku ġenerali, u partikolarment lill-Kapijiet ta' ditti, dipartimenti, organizzazzjonijiet, eċċ. sabiex dawn jibagħtu immedjatament lill-impjegati tagħhom biex jgħatu d-demm; għaliex it-talba għal dan id-demm hi dejjem akbar milli jkollu maħżun l-Bank.**

**M'hemmx ħaġa eħfef milli meta inti tagħti d-demm. Tassew sempliċi u ma tħoss l-ebda uġigħ.**

**Ikun ta' sodisfazzjon kbir għalik meta tkun taf li d-demm tiegħek sejjer isalva ħajja oħra.**

**Meta tagħti d-demm, jingħatalek mingħajr ħlas il-'group' tad-demm tiegħek.**

**Id-demm hu l-ħajja. Għati r-rigal tal-ħajja! Mur l-Bank tad-Demm, Europa Centre, il-Furjana. Tel. 20130.**

# IKTAR FUQ IS-SISTEMA METRIKA

**Xogħol tas-Suf**

Illum is-suf jinbiegħ bil-grammi flok bl-uqija kif kien isir qabel. Għaldaqstant il-kobob insibuhom f'daqsijiet ta' 20 g, 25 g, 40 g u 50 g. Fejn qabel konna nixtru kobba żgħira ta' 1 oz (uqija) illum nixtru kobba ta' 25 g għaliex uqija fiha 28.35 g. Mela, jekk "pattern" jew mudell antik kien jitlob li għandek tuża 10 kobob, issa jaqbel li wieħed jixtri 11-il kobba biex jagħmel tajjeb għad-differenza.

Ħafna drabi mudell jitlob 300 g suf flok ċertu numru ta' kobob. M'hemmx x'nitfixklu għax kull ma għandna nagħmlu huwa dan:

$\frac{300}{50}$ = 6 kobob kbar (jiġifieri ta' 50 g)

jew 12-il kobba żgħira ta' 25 g.

Niġu issa għall-kejl tal-labar u l-ganċijiet tas-suf.

| Kejl Antik Nru. (SWG) | Kejl Metriku* |
|---|---|
| 14 | 2.00 |
| 12 | 2.50 |
| 10-11 | 3.00 |
| 9 | 3.50 |
| 8 | 4.00 |
| 7 | 4.50 |
| 6 | 5.00 |
| 5 | 5.50 |
| 4 | 6.00 |
| 3 | 6.50 |
| 2 | 7.00 |
| 1 | 7.50 |
| 0 | 8.00 |
| 00 | 9.00 |
| 000 | 10.00 |

* Kif ikun immarkat fuq il-labar

**Ħjata**

Il-"mudell" għall-ħwejjeġ konna insibuhom għal dawn id-daqsijiet: 32"/34"/36"/38". Issa inbidlu fi: 81 cm/86 cm/91 cm/97 cm.

Il-qisien ġodda taż-żippijiet huwa kif jidher hawn taħt:

| Kejl Antik Pulzieri | Kejl Metriku Ċentimetri |
|---|---|
| 4 | 10 |
| 5 | 12 |
| 6 | 15 |
| 7 | 18 |
| 8 | 20 |
| 9 | 22 |
| 10 | 25 |
| 12 | 30 |
| 14 | 35 |
| 16 | 40 |
| 18 | 45 |
| 20 | 50 |
| 22 | 55 |
| 24 | 60 |
| 26 | 65 |
| 28 | 70 |
| 30 | 75 |

XI KEJL IEĦOR GĦAL MIN IĦIT:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Ilbies tan-Nisa** | | | | | | | |
| Kejl Ingliż: | 32 | 34 | 36 | 38 | 40 | 42 | 44 |
| Kejl metriku (Kontinentali): | 38 | 40 | 42 | 44 | 46 | 48 | 50 |
| **Ilbies ta' l-Irġiel** | | | | | | | |
| Kejl Ingliż: | 36 | 38 | 40 | 42 | 44 | 46 | |
| Kejl metriku (Kontinentali): | 46 | 48 | 50 | 52 | 54 | 56 | |
| **Qomos** | | | | | | | |
| Kejl Ingliż: | 14 | 14½ | 15 | 15½ | 16 | 16½ | 17 |
| Kejl metriku (Kontinentali): | 36 | 37 | 38 | 39 | 41 | 42 | 45 |
| **Żraben tan-Nisa** | | | | | | | |
| Kejl Ingliż: | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | | |
| Kejl metriku (Kontinentali): | 35½ | 36½ | 38 | 39½ | 40½ | | |
| **Żraben ta' l-Irġiel** | | | | | | | |
| Kejl Ingliż: | 7 | 8 | 9 | 10 | | | |
| Kejl metriku (Kontinentali): | 41 | 42 | 43 | 44 | | | |
| **Kalzetti ta' l-Irġiel** | | | | | | | |
| Kejl Ingliż: | 9½ | 10 | 10½ | 11 | 11½ | 12 | 12½ |
| Kejl metriku (Kontinentali): | 39 | 40 | 41 | 42 | 43 | 44 | 45 |

# L-IŻVILUPP TAL-MENQA TAL-MARSA

**L-IŻVILUPP TAL-MENQA HU PARTI MILL-PROĠETT TAL-GVERN LI JISFRUTTA L-POTENZJAL KOLLU TA' FAĊILITAJIET GĦALL-MOLLIJIET FIL-PORT IL-KBIR.**



*Dehra tal-Menqa mill-ajru.*

- **MOLL ĠDID TA' 220 METRU TUL**
- **TINDA TA' 2,200 METRU KWADRU**

BĦALISSA qed isir xogħol ta' żvilupp fin-naħa tal-Marsa magħrufa bħala l-Menqa.

Dan ix-xogħol jikkonsisti fil-bini ta' moll ġdid fuq art irriklamata mill-baħar. Il-moll sejjer ikun ta' 220 metru u fond mhux anqas minn 7 metri u nofs biex miegħu jkunu jistgħu jorbtu sa żewġ vapuri tat-tagħbija ta' 100 metru 'l wieħed.

**Il-post fejn se jsir il-ħatt u t-tagħbija tal-merkanzija sejjer ikun fih madwar 13,500 metru kwadru u peress li dan se jkun maħruġ fuq il-baħar 'l barra mit-triq, ix-xogħol fuqu jkun jista' jsir bil-kumdità u fl-istess ħin ma jfixkilx it-traffiku li spiss jagħmel użu minn din it-triq.**

Fuq dan il-moll se titwaqqaf tinda kbira ta' 2,200 metru kwadru fejn tinħażen il-merkanzija fil-waqt li l-ispazju ta' madwarha jintuża għall-containers. Il-bini ta' ħitan mal-baħar u l-irdim waslu fi stadju avvanzat u meta jitlestew ikun jista' jibda x-xogħol fuq it-tinda msemmija.

**Sadanittant is-slipway eżistenti sejra tispiċċa minn fejn hi biex ma tfixkilx l-attività li mistennija li jkun hemm fil-moll il-ġdid. Iżda peress li din is-'slipway' kienet tintuża mid-dilettanti tad-dgħajjes, il-Gvern qed jaħseb biex jibni oħra ġdida, bejn Timber Wharf u Lighters Wharf, biex id-dilettanti tal-Marsa jkunu jistgħu jibqgħu jinqdew għad-dgħajjes tagħhom.**

**Id-daħla tal-Menqa li qabel kienet ristretta, mimlija ħama u li kienet, tista' tgħid, isservi biss għal biċċiet tal-baħar mitluqa, issa, permezz ta' l-iżvilupp li qed isir fiha se tinbidel għal ċentru ta' ħatt u tagħbija tal-merkanzija.**

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — Stampat fl-U.Ċ.S. — Stamperija tal-Gvern